A.L. 24 ta' 2001

ATT DWAR TAXXA FUQ IL-VALUR MIŻJUD (KAP. 406)

Regolamenti ta' l-2001 li jemendaw il-Ħames Skeda li tinsab ma' l-Att dwar Taxxa fuq il-Valur Miżjud

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija bl-artikolu 75 ta' l-Att dwar Taxxa fuq il-Valur Miżjud, hawnhekk iżjed 'il quddiem imsejjaħ "l-Att", il-Ministru tal-Finanzi għamel dawn ir-regolamenti li ġejjin:

Titolu u bidu fis-seħħ.

1. (1) It-titolu ta' dawn ir-regolamenti hu r-Regolamenti ta' l-2001 li jemendaw il-Ħames Skeda li tinsab ma' l-Att dwar Taxxa fuq il-Valur Miżjud, u għandhom jinqraw u jiftiehmu ħaġa waħda mal-Ħames Skeda li tinsab ma' l-Att dwar Taxxa fuq il-Valur Miżjud, liema Ħames Skeda qegħda hawnhekk iżjed 'il quddiem f'dawn ir-regolamenti tissejjaħ "l-Iskeda".

(2) Dawn ir-regolamenti għandhom jitqiesu li bdew iseħħu fl-1 ta' Jannar, 2001.

Ħassar il-partiti 3, 5 u 8 ta' l-Iskeda.

2. Il-partiti 3, 5 u 8 ta' l-Iskeda għandhom jitħassru.

Ġenumera mill-ġdid il-partiti ta' l-Iskeda.

3. Il-partita 4 ta' l-iskeda għandha tiġi enumerata mill-ġdid bħala l-partita 3, il-partiti 6 u 7 tagħha għandhom jiġu enumerati mill-ġdid 4 u 5 rispettivament, u l-partiti 9 sa 25 tagħha għandhom jiġu enumerati mill-ġdid 6 sa 22 rispettivament.

Jemenda l-partita 10 ta' l-Iskeda.

4. Minflok il-paragrafu (b) tal-partita 10 ta' l-Iskeda kif enumerata għandu jidħol dan il-paragrafu ġdid li ġej:

"(b) (i) Mitejn sigarett JEW mitt *cigarillo* JEW ħamsin sigarru JEW 250 gramma ta' tabakk tat-tipjip;

(ii) litru spiriti JEW żewġ litri ta' prodotti intermedjarji u nbid spumanti;

(iii) żewġ litri nbid;

(iv) ħamsin gramma profumerija u 0.25 litru *toilet water*.

Iżda l-konċessjoni fuq il-prodotti tat-tabakk u xorb alkoholiku li għalihom jirreferu is-subparagrafi (i), (ii) u (iii) ta' dan il-paragrafu ma għandhiex tingħata lill-persuni taħt is-sbatax-il sena jew li kienu barra minn Malta għal inqas minn erbgħa u għoxrin siegħa.".

Jemenda l-partita 13 ta' l-Iskeda.

5. Il-paragrafu (ċ) tal-partita 13 kif enumerata mill-ġdid għandu jitħassar.